# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 5 ta' Dicembru, 2000 .

## Avviz numru : 57/00GT(GM)

**Carmelo u Josephine konjugi Cauchi**

**VS**

**Paul u Ine konjugi Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi, wara li ppremettew illi huma ghandhom jiehdu minghand il-konvenuti s-somma ta' mija u sebgha u hamsin liri u hamsa u sebghin centezmu (LM157.75c) likwidati bhala li huma dovuti bhala hlas ta' appogg minhabba l-fatt illi l-konvenuti poggew il-bini taghhom mal-fond tal-atturi bin-numru sitta (6), Triq San Pawl, Xewkija, Ghawdex .**

**Talbu lit-Tribunal jikkundannahom ihallsuhom is-somma ta' LM157.75c ammont likwidat mill-Perit Carmelo Borg bhala li huwa dovut skond l-istima hawn annessa u markata bhala dokument "A" jew altrimenti ammont iehor verjuri li jigi likwidat .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Lulju 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Ra n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in linea preliminari jeccepixxu l-preskrizzjoni ghat-talba attrici peress illi t-talba ghal hlas tinsab preskritta . Minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, l-konvenuti jikkontestaw t-talba, ghall-hlas ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM157.75c), peress illi dan l-ammont ikopri l-hajt kollu meta l-konvenuti ma ghamlux il-hajt kollu komuni izda parti minnu biss u cioe hdax il-filata 'l fuq mill-qatran . Ghalhekk, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f'kaz illi din l-eccezzjoni tigi michuda, l-konvenut**

**ghandu jhallas biss ghal hdax-il filata tal-hajt, bl-ispejjez divizi nofs ghall-atturi u nofs ghall-konvenuti .**

**Sema' d-deposizzjoni tal-attrici .**

**Ikkunsidra :**

**Illi dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni billi l-konvenuti naqsu milli jindikaw fuq liema artikolu tal-ligi qeghdin jibbazawha jew almenu jindikaw il-perjodu ta' tali preskrizzjoni - haga tassattivament rikjesta skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin ;**

**Illi ghalkemm jidher li l-konvenuti saqqfu biss sal-gholi ta' hdax-il filata (l-attrici semmiet ghaxar filati) minn gholi ta' dsatax-il filata, huwa wkoll veru li uzaw ukoll il-parti 'il fuq minn dik imsaqqfa billi wahhlu l-pereg;**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM157.75c ammont dovut ghal kumpens tal-appogg tal-hajt divizorju bejn il-fondi indikati fl-avviz .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-3 ta' Lulju 2000 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-hlas effettiv .**

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S5700GtGm
430